MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 568/1996/2

**Joseph Vella, Joseph Zammit u martu Victoria Zammit**

**v.**

**Nazzareno Farrugia u martu Maryanne Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat li dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni li nbnew b'rikors ta' l-atturi appellati pprezentat fit-3 ta' Novembru, 2006; it-talba ghar-ritrattazzjoni hi bazata fuq is-sub-paragrafi (e) u (g) ta' l-artikolu 811(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

In linea preliminari, l-intimati eccepew in-nullita` tar-rikors peress li r-rikorrenti naqsu li "flimkien mal-prezentata tar-rikors" jaghtu garanzija ghall-ispejjez kif provdut fl-Artikolu 815 tal-Kap. 12;

Fl-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2007, id-difensuri tal-partijiet ittrattaw din il-lanjanza, u l-Qorti halliet il-kawza ghal provvediment dwar din l-eccezzjoni preliminari;

Ikkunsidrat;

L-Artikolu 815 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi "flimkien mal-prezentata tar-rikors ghandha tinghata garanzija ghall-ispejjez skond l-Artikolu 249". Issa l-Artikolu 249(1) jipprovdi, ukoll testwalment, li "il-garanzija ghall-ispejjez ghandha ssir u tigi depozitata fil-Qorti sa mill-anqas jum qabel ma jibda jinstama' dak l-appell"; is-sub-artikoli sussegwenti ta' dan l-Artikolu jipprovdu kif ghandu jsir id-depozitu u min hu ezentat milli jaghmel tali depozitu.

Minn qari ta' dawn iz-zewg artikoli, hu car li ta' l-ewwel irid jinqara fid-dawl ta' dak li jipprovdi t-tieni. Ghalkemm l-Artikolu 815 irid li l-garanzija tinghata "flimkien" mal-prezentata tat-talba ghar-ritrattazzjoni, din trid tinghata "skond l-Artikolu 249", u dan l-ahhar artikolu jghid li l-garanzija tista' tinghata <u>sa jum qabel l-ewwel jum tas-smigh</u>. F'dan il-kaz, fil-fatt, il-garanzija nghatat qabel l-ewwel jum tas-smigh, u precizament fl-24 ta' Jannar, 2007, meta giet depozitata somma ta' flus bizzejjed biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri. Jekk wiehed jaqra z-zewg artikoli flimkien, isib li, fil-fatt, il-vot tal-ligi gie sodisfatt f'dan il-kaz.

Id-dubju seta' inqala' billi, meta fl-1995, il-mod kif tinghata l-garanzija ghall-ispejjez gie mibdul, ma sarux l-emendi kollha relatati u mehtiega. Qabel l-1995, il-garanzija kienet tinghata billi, <u>flimkien mal-prezentata tar-rikors</u>, kienet tinghata garanzija personali minn terz li kienet kwazi dejjem tigi rifjutata mill-kontroparti bhala mhux idonea; in segwitu ghal dan, il-garanzija personali kienet

tigi sostitwita b’depozitu ta’ somma ta’ flus bizzejjed biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta’ dik il-procedura. Din il-procedura nbidlet fl-1995, fis-sens li l-prezentazzjoni tal-garanzija personali flimkien mal-prezentata tar-rikors giet, f’kaz ta’ ftuh ta’ appell, imnehhija, u l-garanzija rikjesta tinghata mill-ewwel bid-depozitu ta’ flus li jrid isir sa jum qabel ma jibda jinstama’ dak l-appell. Sfortunatament, fil-waqt li saru l-emendi relattivi fl-Artikolu 249, l-Artikolu 815 ma giex mibdul fejn ried li l-garanzija tingieb “flimkien mal-prezentata tar-rikors”, avolja dan l-Artikolu zamm ir-referenza ghall-Artikolu 249 li, kif intwera, m’ghadux jikkontempla ghoti ta’ garanzija “flimkien” mal-prezentata tar-rikors.

La darba l-Artikolu 815 jitlob li l-garanzija tinghata “skond l-Artikolu 249”, mhux mistenni li r-ritrattand, mal-prezentata tar-rikors, jannetti garanzija bankarja jew ta’ xi terz iehor, ghax li trid il-ligi hi garanzija skond l-Artikolu 249, u dan l-Artikolu jikkontempla depozitu ta’ flus li jista’ u ghandu jsir wara li s-somma tkun giet stabbilita mir-registratur, u sa gurnata qabel ma jibda jinstama’ l-kaz. F’dan il-kaz, dan id-depozitu sar fit-termini tal-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kwistjoni mqanqla fl-ewwel paragrafu tar-risposta tar-ritrattati, billi tichad dak l-aggravju, u tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fil-meritu.

L-ispejjez relatati ma’ din id-decizjoni ghandhom jithallsu mill-intimati ritrattati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------